# Middlesea Travel

## Policy

Middlesea Insurance p.l.c.

# TRAVEL INSURANCE POLICY

This **Policy** and **Schedule** together are evidence of the contract between **you** and Middlesea Insurance p.l.c. based on the information given to **us** and the declaration **you** have made on the proposal form. In return for receiving and accepting the premium, **we** will provide insurance in accordance with the terms and conditions of this **Policy** for the Benefits up to the Limits for the Plan and the Area **you** have selected as specified in the **Schedule**.

**You** should read these documents and check them carefully to ensure they provide **you** with the cover **you** require. Please take them with **you** when **you** travel. It is important that **you** should advise **us** immediately whenever any changes occur that affect what **you** have told **us**.

Unless both **you** and **we** agree otherwise, this contract shall be subject to **Maltese** Law and to the exclusive jurisdiction of the **Maltese** Courts.

The version of this contract of insurance in the **Maltese** language has been supplied for **your** convenience. This contract of insurance shall in no case be interpreted by reference to that version and should there be a conflict of meaning between the English text and the **Maltese** version or any doubt whatsoever the English text shall prevail and be applied to the exclusion of the **Maltese** version. Any **endorsements** to the **Policy** will be issued in the English language only.

This **Policy** applies only to persons resident in the **Maltese** Islands who are undertaking conventional non-working holidays or business **trips** where no manual work is undertaken.
**You** should advise **us** if **you** intend to include a planned sporting holiday during **your trip**.

# POLZA TA' ASSIGURAZZJONI TAL-IVVJAĠĠAR

Din il-**Polza** u l-**Iskeda** meħudin flimkien huma xhieda tal-kuntratt **bejnek** u l-Middlesea Insurance p.l.c. ibbażat fuq l-informazzjoni li ngħatat **lilna** u d-dikjarazzjoni li **int** għamilt fuq il-formola tal-proposta. Wara li nirċievu u naċċettaw il-primjum, **aħna** nagħtuk assigurazzjoni skond it-termini u kondizzjonijiet ta' din il-**Polza** għall-Beneficcji sal-Limiti għall-Pjan u z-Zona li **int** għażilt kif muri fl-**Iskeda**. **Int** għandek taqra dawn id-dokumenti u tiċċekkjahom b'attenzjoni biex tiżgura li **jagħtuk** il-kopertura li **int** teħtieġ. Jekk jogħġbok ħudhom **miegħek** meta **int** issiefer. Hu importanti li **int** tavża **lilna** immedjatament kull meta jsiru xi bidliet li jolqtu dak li **int** għedt **lilna**.

Sakemm sew **int** u sew **aħna** ma niftehmux mod ieħor, dan il-kuntratt għandu jkun suġġett għall-Liġijiet ta' **Malta** u għall-ġurisdizzjoni esklussiva tal-Qrati **Maltin**.

Il-verżjoni bil-Malti ta' dan il-kuntratt ingħatatlek għall-konvenjenza **tiegħek**. Dan il-kuntratt b'ebda mod m'għandu jkun interpretat b'referenza għal din il-verżjoni u jekk ikun hemm konflitt ta' tifsir bejn it-test Ingliż u l-verżjoni bil-**Malti** jew ikun hemm xi dubju, ikun xi jkun, għandu jirbaħ it-test Ingliż u għandu jkun applikat bl-esklużjoni tal-verżjoni bil-**Malti**. Kull ***endorsement*** għal ma' din il-**Polza** jinħareġ bl-Ingliż biss.

Din il-**Polza** tapplika biss għal persuni residenti fil-Gżejjer **Maltin** li jkunu qed jieħdu vaganza konvenzjonali mhux għal xogħol jew vjaġġi għal negozju li fihom ma jsirx xogħol manwali.
**Int** għandek tavżana jekk **int** biħsiebek tinkludi vaganza sportiva ppjanata tul il-**vjaġġ tiegħek**.

J.F.X. ZAHRA
CHAIRMAN

R.E.D. CHALMERS
DEPUTY CHAIRMAN

# DEFINIZZJONIJIET

Kull fejn **int** tara l-kliem jew frażijiet li ġejjin, dawn ikollhom it-tifsiriet murija ħdejhom u jidhru b'tipi grassi. Kull kelma jew espressjoni li ngħatat tifsria speċifika għandha l-istess tifsira kull fejn tidher sakemm il-kuntest ma jitlobx mod ieħor:

"**Aċċident** jew **aċċidentali**" jfissru okkorrenza mhux mistennija li tiġi għal għarrieda wara d-data meta l-**polza** tibda topera u li tirriżulta minn **leżjoni fiżika tiegħek** jew xi telf jew ħsara koperti minn din il-**polza**.

"**Abbanduna** jew **abbandun**" jfissru ritorn **f'darek** qabel id-data prevista għal dan ir-ritorn.

"**Leżjoni fiżika**" tfisser il-mewt **tiegħek** jew leżjoni lil **ġismek** (inkluż l-għajbien **tiegħek** li jirriżulta minn dan) iżda mhux b'att deliberat **tiegħek** ikkaġunat biss minn mezzi vjolenti esterni u viżibbli **aċċidentali**. Dan ma jinkludix xi mard jew kondizzjoni li tokkorri b'mod naturali jew li taħdem gradwalment jew xi proċess deġenerattiv.

"**Flus likwidi**" tfisser muniti u karti tal-flus inkluża munita barranija li hi valuta legali kurrenti.

"**Sieħeb qrib fin-negozju**" tfisser xi ħadd li **int** taħdem miegħu **f'Malta** li jekk it-tnejn li **intom** ma tkunux fuq ix-xogħol fl-istess ħin in-negozju ma jkunx jista' jimxi kif għandu jkun.

"**Qarib viċin**" tfisser **ommok, missierek, oħtok, ħuk, martek, ir-raġel tiegħek, is-sieħeb/sieħba tiegħek**, li jgħixu fl-istess indirizz **tiegħek** u jaqsmu **miegħek** ir-responsabbiltajiet finanzjarji **tiegħek** (iżda mhux sħab jew soċji fin-negozju), l-għarus/għarusa **tiegħek**, bintek, ibnek, nannuk jew nanntek, in-neputi/neputija **tiegħek**, ħatnek, ħtintek, mart ħuk, ir-raġel t'oħtok, ġenitur mit-tieni żwieġ, iben miż-żwieġ ta' qabel, bint miż-żwieġ ta' qabel, aħwa fardsieq, zitek, zijuk, kuġinuk, kuġintek, tutur legali jew ġenituri li jkunu qed irabbuk jew wild li tkun qed trabbi.

"**Kards ta' Kreditu u Debitu**" tfisser kards ta' kreditu, debitu, ċekkijiet, u karti ta' bank jew kards għall-ġbid tal-flus.

"**Tabib**" tfisser membru prattikanti reġistrat tal-professjoni medika li ma jiġix **minnek** jew minn xi ħadd li tkun qed tivvjaġġa miegħu.

***"Endorsement(s)"*** tfisser kull bidla li ssir lill-**Polza** li **aħna** nkunu qbilna magħha bil-miktub.

"**Eċċess**" tfisser l-ewwel parti ta' xi klejm li **int** trid tħallas **inti stess**.

"**Attivitajiet Esklużi**" tfisser (i) sehem fi sport professjonali ta' kull xorta, tixbit ma' ġebel jew ma' muntanji li jitlob l-użu ta' ħbula jew gwidi, inżul f'għerien taħt l-art, qbiż bil-paraxut, igglajdjar bl-idejn, logħob tal-futbol organizzat jew għadis taħt l-ilma; (ii) rkib ta' muturi, kemm bħala sewwieq jew bħala passiġġier, fuq magni li jaqbżu l-125cc, jew sehem jew prattika ta' provi ta' veloċità jew ħin, giri jew tlielaq ta' kull xorta (ħlief bir-riġlejn); (iii) sehem fi sport tax-xitwa jew l-użu ta' dry ski-slopes (sakemm ma jkunx tħallas primjum addizzjonali xieraq, f'liema każ l-attivitajiet esklużi huma tlielaq bl-iskis, qbiż bl-iskis, ibburdjar bl-iskis, ibburdjar fuq is-silġ, hoki fuq is-silġ, u l-użu ta' bob sleighs jew skeletons).

"**Dar**" tfisser l-indirizz residenzjali privat **tiegħek f'Malta**.

"**Telf ta' *límb***" tfisser telf totali u permanenti ta' id kollha, driegħ kollu, sieq kollha jew riġel kollu **tiegħek** jew il-qtugħ tagħhom mill-polz jew għaksa 'l fuq.

"**Malta**" u derivazzjonijiet tagħha jfissru r-Repubblika ta' Malta inkluż kull passaġġ tal-baħar rikonoxxut fir-Repubblika, u "**Malti**" tfisser tar-Repubblika ta' Malta.

"**Perjodu ta' Assigurazzjoni**" u derivazzjonijiet tagħha jfissru l-perjodu li jibda minn xhin **int** titlaq mir-residenza privata jew post tan-negozju normali **tiegħek** u jieqaf meta **int** terġa' lura, iżda ma jaqbiżx in-numru ta' granet imniżżlin fl-**Iskeda**. Fil-każ ta' kanċellament kif speċifikat f'Taqsima 1, il-Perjodu ta' Assigurazzjoni jibda mid-data tal-ħruġ tal-**Polza**.

"**Diżabilità totali permanenti**" tfisser diżabilità totali u permanenti li l-evidenza medika tikkonferma li ma tħallix **lilek** tagħmel kull xorta ta' xogħol imħallas għall-bqija ta' **għomrok** kollu.

"**Akkomodazzjoni tul il-vjaġġ imħallsa minn qabel**" tfisser post li jitħaddem kummerċjalment fejn jitħallas ħlas u li jkun ġie prenotat u mħallas qabel il-bidu tal-**vjaġġ tiegħek**. Dan ma jinkludix djar residenzjali li jkunu propjetà tal-familja jew ħbieb **tiegħek**.

"**Flus Personali**" tfisser **flus likwidi**, ċekkijiet tal-vjaġġaturi, ordnijiet postali u monetarji, biljetti mħallsin minn qabel u li l-flus tagħhom ma jistgħux jintraddu lura, biljetti ta' l-ivvjaġġar, vawċers tal-lukandi.

"**Oġġetti personali**" tfisser valiġġi, ilbies, **oġġetti ta' valur**, tagħmir sportiv, strumenti mużikali u oġġetti oħra li **int** normalment tilbes jew iġġorr **miegħek**. Kull oġġett ta' din ix-xorta għandu jkun jew propjetà **tiegħek** jew jaqa' taħt ir-responsabbiltà legali **tiegħek**.

"**Pjan**" tfisser *Budget, Economy* jew *Club* kif jingħad fl-**Iskeda**.

"**Polza**" tfisser dan il-ktejjeb, l-**Iskeda** u kull ***endorsement*** li kollha għandhom jinqraw bħala ħaġa waħda.

"**Akkomodazzjoni għal vaganza prenotata minn qabel**" tfisser post li jitħaddem kummerċjalment fejn jitħallas ħlas u li jkun ġie prenotat qabel il-bidu tal-**vjaġġ tiegħek**. Dan ma jinkludix djar residenzjali li jkunu propjetà tal-familja jew ħbieb **tiegħek**.

"**Skeda**" tfisser id-dokument li fih l-isem u l-indirizz **tiegħek**, il-perjodu ta' assigurazzjoni, it-taqsimiet ta' din il-**polza** li japplikaw, il-primjum li **int** għandek tħallas, l-ammonti li **int** kopert għalihom u dettalji ta' xi estensjonijiet jew ***endorsements***.

"**Telf Totali tal-Vista**" tfisser telf tal-vista għalkollox u permanenti.

"**Kumpann tal-Vjaġġ**" tfisser persuna li **int** tivvjaġġa magħha u li mingħajrha **int** ma tistax tagħmel jew tkompli l-**vjaġġ tiegħek**.

"**Vjaġġ**" tfisser **vjaġġ** bir-ritorn li jibda u jispiċċa minn **darek** jew minn post tan-negozju **f'Malta** u, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, li jdum, jew hu skedat li jdum, mhux aktar minn 90 ġurnata.

"**Imħolli waħdu**" tfisser fejn **int** ma tistax tara sewwa jew m'intix f'pożizzjoni li ma tħallix it-teħid mhux awtorizzat tal-propjetà **tiegħek**.

"**Mhux mgħammra**" tfisser **id-dar tiegħek** mhix mgħammra biżżejjed biex wieħed jgħix fiha b'mod normali.

"**Mhux okkupata**" tfisser li la **int** u lanqas xi persuna oħra bil-permess **tiegħek** m'intom tgħixu fiha.

"**Oġġetti ta' valur**" tfisser antikitajiet (iżda mhux għamara), oġġetti tad-deheb, platinu, fidda jew metalli prezzjużi oħrajn, ġojjellerija, arloġġi, ferijiet, trombi, teleskopji, tagħmir fotografiku, awdjo u viżiv u tagħmir tal-vidjow.

"**Aħna**" u derivattivi grammatikali tagħna jfissru l-Middlesea Insurance p.l.c.

"**Int**" jew "**Tiegħek**" jew "**Int innifsek**" jew "**Persuna Assigurata**" u derivattivi grammatikali tagħhom jfissru l-persuna jew nies imsemmija fl-**Iskeda** tal-**Polza tiegħek**.

# GARANZIJA TA' SAĦĦA

*Nota Importanti: Jekk int ma tiggarantixxix xi waħda mid-dikjarazzjonijiet imniżżlin taħt il-Garanzija ta' Saħħa li ġejja, int għandek tavża lilna immedjatament. Jekk tonqos milli tinfurmana, int ma tkunx kopert f'każ ta' klejm relatata ma' kondizzjoni jew kondizzjonijiet mediċi li jissemmew fid-dikjarazzjonijiet taħt il-Garanzija ta' Saħħa.*

1. Hu importanti, għaliex jista' jolqot il-kopertura **tiegħek**, li **int** tgħidlina meta tixtri jew meta ġġedded il-**polza tiegħek** jew meta tibbukkja **vjaġġ** (skond liema minn dawn tiġi l-aħħar), jekk **int** jew xi **persuna assigurata**:
   i) Irċevejtux parir, medikament jew kura għal xi mard kroniku jew rikorrenti f'dawn l-aħħar 12-il xahar.
   ii) Intomx taħt investigazzjoni medika jew qed tistennew ir-riżultat ta' xi eżami dwar kondizzjoni medika misjuba jew mhix misjuba.
   iii) Intomx qegħdin f'lista għall-kura bħala *in-patients* dwar kondizzjoni medika misjuba jew mhix misjuba, jew tafux li għandkom bżonn din il-kura.
   iv) Qed tivvjaġġaw kontra l-parir tat-**tabib tagħkom**.
   v) Intqal **lilkom** li għandkom marda terminali.

2. Jekk, bejn id-dati tal-ibbukkjar u l-bidu tal-**vjaġġ tiegħek** jew id-data tat-tiġdid (skond liema tiġi l-ewwel), **int** tirċievi parir mediku dwar mard serju jew korriment, il-**polza tiegħek** tkopri **lilek** f'każ li tħassar il-**vjaġġ tiegħek**. Iżda fil-każ li **int** xorta tkun tixtieq tivvjaġġa, **aħna** ninfurmaw **lilek** jekk **int** tkunx kopert għal spejjeż mediċi ta' emerġenza u spejjeż konnessi magħha, benefiċċji ta' sptar jew klejms ta' abbandun relatati ma' kondizzjoni ta' din ix-xorta.

3. Jekk, bejn id-dati tal-ibbukkjar u tal-bidu tal-**vjaġġ tiegħek** jew id-data tat-tiġdid (skont liema tiġi l-ewwel), xi ħadd li l-**vjaġġ tiegħek** jiddependi mis-saħħa tiegħu, bħal **qarib mill-qrib, il-kumpann tal-vjaġġ tiegħek** jew **soċju fin-negozju qrib ħafna tiegħek**, jirċievi parir mediku dwar mard serju jew korriment, il-**polza tiegħek** tkopri **lilek** f'każ li tħassar il-**vjaġġ tiegħek**. Iżda fil-każ li **int** xorta tkun tixtieq tivvjaġġa, **aħna** ninfurmaw **lilek** jekk **int** tkunx kopert għal klejms ta' abbandun relatati ma' kondizzjoni ta' din ix-xorta.

# GĦAJNUNA F'KAŻ TA' EMERĠENZA TKUN FEJN TKUN FID-DINJA

Fil-każ ta' klejm taħt Taqsimiet 2, 3 u 7 **int** tista' tikkuntattja lill-korrispondent tagħna fuq in-numru mniżżel fl-**Iskeda**.

# TAQSIMA 1 - KANĊELLAMENT U ABBANDUN

**Aħna** nkopru **lilek** għal:

1. depożiti li **int** ħallast għall-**vjaġġ tiegħek** u ma tistax teħodhom lura,
2. spejjeż ta' vvjaġġar u akkomodazzjoni **tiegħek** li ma ntużawx u li **int** ħallast jew ikkuntrattjajt li tħallas u ma tistax teħodhom lura,
3. ħlasijiet ta' żamma ta' klieb jew qtates li **int** ħallast jew ikkuntrattjajt li tħallas u ma tistax teħodhom lura,
4. il-prezz ta' akkomodazzjoni addizzjonali jekk **int** ikollok tiġi lura d-**dar** qabel,
5. il-prezz ta' vvjaġġar addizzjonali biex **int** tiġi lura d-**dar** qabel jekk **int** ma tistax tuża l-biljett bir-ritorn **tiegħek**;

Jekk, wara d-data tax-xiri tal-**polza tiegħek** jew l-ibbukkjar ta' **vjaġġ** (skond liema jiġi l-aħħar), **int** ikollok bilfors tħassar jew tabbanduna l-**vjaġġ tiegħek** għal waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

a) Wieħed minn dawn in-nies ikorri serjament, jimrad serjament, jiddaħħal kwarantina jew imut:
   i) **Int**,
   ii) **Il-kumpann tal-vjaġġ tiegħek**,
   iii) Kull persuna li **int** kont se toqgħod għandha,
   iv) Kull wieħed mill-**qraba mill-qrib tiegħek** jew dawk tal-**kumpann tal-vjaġġ tiegħek**,
   v) Kull wieħed mis-**soċji fin-negozju qrib ħafna tiegħek** jew dawk tal-**kumpann tal-vjaġġ tiegħek**.

b) **Int** jew il-**kumpann tal-vjaġġ tiegħek** jissejħu għal servizz ta' ġurati jew bħala xhieda f'qorti **Maltija** tul il-perjodu ta' assigurazzjoni.

c) Jekk **int** jew il-**kumpann tal-vjaġġ tiegħek** tiġu involontarjament qiegħda u **intom** reġistrati bħala qiegħda mal-Korporazzjoni ta' l-Impjiegi u Taħriġ.

d) Jekk id-dar **tiegħek** jew id-dar tal-**kumpann tal-vjaġġ tiegħek** issir inabitabbli minħabba ħruq, splużjoni, ċediment tal-art, maltempata,

**Aħna** ma nkoprux:

a) L-ewwel ammont muri fl-**Iskeda** ta' klejm ta' kull **persuna assigurata**.

b) Kull klejm għal kondizzjoni medika jekk xi **persuna assigurata** vvjaġġat kontra l-parir ta' **tabib** jew tkun qed tivvjaġġa kontra l-parir ta' **tabib** kieku kienet ħadet parir ta' din ix-xorta.

c) Kull klejm għal kondizzjoni medika li fir-rigward tagħha **int** kont qed tippjana li tieħu kura medika waqt il-**vjaġġ tiegħek**.

d) Kull klejm li tirriżulta minn:
   i) xi stat ta' ansjetà, dipressjoni, diżordni mentali, nervuża jew emozzjonali li saret dijanjosi tagħha qabel **int** xtrajt il-**polza tiegħek** jew meta bbukkjajt il-**vjaġġ tiegħek** (skont liema jiġi l-aħħar).
   ii) tqala jew twellid meta d-data mistennija tat-twelid hija inqas minn 12-il ġimgħa (16-il ġimgħa fil-każ ta' tqala multipla) qabel id-data tal-bidu tal-**vjaġġ tiegħek**.
   iii) sehem li **int** tieħu f'xi attivitajiet ta' titjir jew aerji oħra ta' kull xorta minbarra bħala passiġġier li jħallas nol f'ajruplan li għandu liċenzja sħiħa biex iġorr passiġġieri.
   iv) irkib fuq mutur li **int** tagħmel bħala rikkieb jew passiġġier fuq magna ta' 'l fuq minn 125cc.
   v) irkib fuq mutur li **int** tagħmel bħala rikkieb jew passiġġier fuq magna 125cc jew inqas sakemm **int** ma tkunx liebes *crash helmet* u, bħala rikkieb, **int** għandek liċenzja valida biex issuq mutur fil-pajjiż li jkun qed jintuża.
   vi) kull involviment **tiegħek** f'xogħol manwali ta' kull xorta.
   vii) parteċipazzjoni f'**attivitajiet esklużi** sakemm ma jidhrux bħala koperti fl-**Iskeda** tal-**polza tiegħek**.
   viii) parteċipazzjoni fi spedizzjonijiet.
   ix) parteċipazzjoni bħala membru tal-

għargħar jew impatt minn ajruplani li jokkorru wara li tkun xtrajt **il-polza tiegħek** jew meta ibbukkjat **il-vjaġġ tiegħek** (skont liema jiġi l-aħħar).

e) **Int** jew il-**kumpann tal-vjaġġ tiegħek** tintalbu mill-pulizija li tibqgħu d-dar jew fil-post tax-xogħol **tagħkom** minħabba serq bi żgass f'xi wieħed miż-żewġ postijiet.

f) **Int** jew il-**kumpann tal-vjaġġ tiegħek** ma titħallewx tivvjaġġaw minħabba restrizzjoni mill-Gvern **Malti** li tirriżulta minn epidemija jew pandemija.

g) **Il-vjaġġ** jitħassar bilfors b'riżultat tal-ittardjar b'mill-inqas 24 siegħa tat-tluq minn **Malta**.

ekwipaġġ fuq bastiment li jivvjaġġa minn pajjiż għal ieħor.

e) Kull klejm għal telf ta' l-impjieg ikkaġunata minn kondotta ħażina, riżenja jew telf volontarju ta' impjieg jew jekk **int** jew il-**kumpann tal-vjaġġ tiegħek** kontu tafu bit-telf ta' impjieg qabel **int** xtrajt il-polza **tiegħek** jew meta bbukkjajt il-**vjaġġ tiegħek** (skont liema jiġi l-aħħar).

f) Kull klejm magħmula għaliex **int** jew il-**kumpann tal-vjaġġ tiegħek** tmurilkom il-ħajra li tivvjaġġaw.

g) Kull klejm magħmula għal ivvjaġġar jew akkomodazzjoni mhux użati minħabba l-użu ta' Mili bl-Ajru u promozzjonijiet simili.

h) Kull klejm għal rifużjoni ta' kull xorta ta' spejjeż għal persuni mhux imsemmija f'din il-**polza**.

i) Kull klejm għal ħlasijiet ta' mmaniġġjar, manutenzjoni jew ħlasijiet ta' kambju assoċjati ma' *timeshares* jew arranġamenti simili.

j) Kull klejm li tirriżulta għaliex **int** ma jkollokx il-passaport, visa jew dokumenti ta' dħul oħrajn korretti.

k) Kull klejm magħmula għaliex **int** ma gawdejtx il-**vjaġġ tiegħek**.

l) Kull klejm mhux awtorizzata **minna** qabel ma **int** erġajt lura d-**dar**.

m) Kull klejm li tirriżulta minn mard li **int** ma ħadtx it-titqib irrikkmandat u/jew ma ħadtx il-medikament irrikkmandat.

n) Kull klejm għal spejjeż ta' vvjaġġar addizzjonali jekk, qabel il-**vjaġġ tiegħek, int** ma xtrajt biljett bir-ritorn għal **Malta**.

o) Kull klejm li tirriżulta minn kondizzjoni medika ta' xi **qarib viċin, soċju qarib fin-negozju, kumpann fil-vjaġġ**, jew xi persuna oħra li l-**vjaġġ tiegħek** ikun jiddependi mis-saħħa tajba tagħha u li **int** kont taf biha qabel ma xtrajt il-polza jew ibbukkjat il-**vjaġġ tiegħek** (skont liema jiġi l-aħħar).

p) Kull ħaġa li qiegħda fl-Eċċezzjonijiet Ġenerali.

## KONDIZZJONI SPEĊJALI GĦAL TAQSIMA 1

Il-klejms kollha li jirriżultaw minn leżjoni, mard, kwarantina jew mewt għandhom ikunu sostanzjati minn rapporti mediċi jew ċertifikat tal-mewt (jew it-tnejn) li jikkonfermaw il-ħtieġa tal-kanċellament jew **abbandun** tal-**vjaġġ tiegħek**.

## LIMITU TA' KOPERTURA

L-aktar li **aħna** nħallsu taħt din it-Taqsima għal kull **persuna assigurata** jidher fl-**Iskeda**.

## TAQSIMA 2 - SPEJJEŻ MEDIĊI F'KAŻ TA' EMERĠENZA U SPEJJEŻ ASSOĊJATI MA' DAN

Jekk **int** timrad, tkorri jew tmut waqt il-**vjaġġ tiegħek aħna** nkopru **lilek** għal:

1. Kura medika f'każ ta' emerġenza barra minn **Malta** u fil-pajjiż fejn **int** normalment tgħix inklużi servizzi ta' salvataġġ biex jieħdu **lilek** l-isptar.
2. Kura dentali f'każ ta' emergenza għal ħelsien immedjat mill-uġigħ biss.
3. L-ispejjeż tad-dfin jew kremazzjoni **tiegħek** fil-pajjiż barra minn **Malta** fejn **int** tmut.
4. L-ispejjeż addizzjonali tal-ġarr lura tal-ġisem jew l-irmied **tiegħek** id-**dar**.
5. L-ispejjeż addizzjonali ta' akkomodazzjoni f'kamra biss (ta' standard simili għall-akkomodazzjoni li **int** kellek għall-**vjaġġ tiegħek**) jekk **int** tingħata parir minn tabib li **int** għandek iddum aktar milli **int** xtaqt.
6. L-ispejjeż addizzjonali tar-ritorn **tiegħek** id-**dar** jekk **int** ma tistax tuża l-biljett bir-ritorn **tiegħek** għal **Malta**.
7. L-ispejjeż addizzjonali tar-ritorn **tiegħek** id-**dar** jekk hu meħtieġ għal raġunijiet mediċi.
8. L-ispejjeż żejda raġonevoli u akkomodazzjoni f'kamra biss, taħt in-numri 5, 6 u 7 hawn fuq, ta' qarib jew ħabib wieħed li jkollu jivvjaġġa jew joqgħod **miegħek**, sakemm kemm **tabib** u kemm **aħna** nemmnu li huma meħtieġa.

**Aħna** ma nkoprux:

a) L-ewwel ammont muri fl-**Iskeda** ta' kull klejm ta' **persuna assigurata**.

b) Kull klejm għal kondizzjoni medika jekk xi **persuna assigurata** vvjaġġat kontra l-parir ta' **tabib** jew tkun qed tivvjaġġa kontra l-parir ta' **tabib** kieku kienu ħadet parir ta' din ix-xorta.

c) Kull klejm għal xi kondizzjoni medika jekk xi waħda minn dawn li ġejjin kienet tapplika meta **int** xtrajt il-**polza tiegħek** jew meta bbukkjajt il-**vjaġġ tiegħek** (skont liema jiġi l-aħħar):

Jekk **int**:

i) kont irċevejt parir, medikament jew kura għal xi mard jew leżjoni serji, kroniċi jew rikorrenti fl-aħħar 12-il xahar sakemm **int** ma tkunx għedt **lilna** bil-kondizzjoni u **aħna** nkunu aċċettajna l-pożizzjoni bil-miktub.

ii) kont qed tkun ittestjat jew qed tistenna r-riżultati għal xi kondizzjoni li nsabet f'dijanjosi jew li ma tkunx għadha nstabet f'dijanjosi sakemm **int** ma tkunx għedt **lilna** bil-kondizzjoni u **aħna** nkunu aċċettajna l-pożizzjoni bil-miktub.

iii) kont f'lista ta' pazjenti qed jistennew li jingħataw kura l-isptar bħala *in-patients* jew jekk kont taf bil-ħtieġa ta' kura l-isptar bħala *in-patient* għal xi

kondizzjoni li nsabet f'dijanjosi jew li ma tkunx għadha nstabet f'dijanjosi sakemm **int** ma tkunx għedt **lina** bil-kondizzjoni u **aħna** nkunu aċċettajna l-pożizzjoni bil-miktub.

iv) kien intqal **lilek** li kellek mard terminali.

d) Kull klejm għal kondizzjoni medika jekk **int** ingħatajt parir mediku għal mard jew leżjoni potenzjalment serji bejn meta bbukkjajt il-**vjaġġ tiegħek** u d-data tal-bidu tal-**vjaġġ** sakemm **int** ma tkunx għedt **lina** bil-kondizzjoni u **aħna** nkunu aċċettajna l-pożizzjoni bil-miktub.

e) Kull klejm għal kondizzjoni medika li għaliha **int** kont qed tippjana li tieħu kura medika waqt il-**vjaġġ tiegħek**.

f) Kull klejm għal:

i) l-ispejjeż ta' kura fi sptar jew biex tmur lura d-**dar** qabel li ma jkunux awtorizzati **minna** bil-quddiem.

ii) l-ispejjeż ta' kull kura jew kirurġija mhux ta' emerġenza inklużi testijiet esploratorji li mhumiex direttament relatati mal-mard jew leżjoni li minħabba fiha **int** originarjament dħalt l-isptar.

iii) kull forma ta' kura li **t-tabib** li jkun qed jikkura **lilek** u **aħna** jidhrilna li jistgħu raġonevolment jistennew biex isiru sakemm **int** tiġi lura **Malta**.

iv) kirurġija kożmetika.

v) medikament li, meta beda l-**vjaġġ tiegħek**, **int** kont taf li **int** ikollok bżonnu waqt li **int** tkun barra.

vi) l-ispejjeż addizzjonali kollha biex **int** kellek kamra waħdek jew privata.

vii) kura jew servizzi mogħtijin minn spa sanitarju, **dar** ta' konvalexxenza jew kura jew xi ċentru ta' riabilitazzjoni.

viii) kull kura wara li **int** tkun ġejt lura **Malta**.

g) Kull klejm li tirriżulta minn:

i) kull stat ta' ansjetà, depressjoni, diżordni mentali, nervuża jew emozzjonali li saret dijanjosi tagħha qabel **int** xtrajt il-**polza tiegħek** jew meta bbukkjajt il-**vjaġġ tiegħek** (skond liema jiġi l-aħħar).

ii) tqala jew twellid meta d-data mistennija tat-twelid hija inqas minn 12-il Ġimgħa (16-il ġimgħa fil-każ ta' tqala multipla) qabel id-data tal-bidu tal-**vjaġġ tiegħek**.

iii) sehem li **int** tieħu f'xi attivitajiet ta' titjir jew aerji oħra ta' kull xorta minbarra bħala passiġġier li jħallas fuq ajruplan li għandu liċenzja sħiħa biex iġorr passiġġieri.

iv) irkib fuq mutur li **int** tagħmel bħala rikkieb jew passiġġier fuq magna tal-fuq minn 125cc.

v) irkib fuq mutur li **int** tagħmel bħala rikkieb jew passiġġier fuq magna 125cc jew inqas sakemm **int** ma tkunx liebes *crash helmet* u, bħala rikkieb, **int** għandek liċenzja valida biex issuq mutur fil-pajjiż li jkun qed jintuża.

vi) kull involviment **tiegħek** f'xogħol manwali ta' kull xorta.

vii) parteċipazzjoni **tiegħek** f'**attivitajiet esklużi** sakemm ma jidhrux bħala koperti fl-**iskeda** tal-**polza tiegħek**.

viii) parteċipazzjoni **tiegħek** fi spedizzjonijiet.

ix) parteċipazzjoni **tiegħek** bħala membru tal-ekwipaġġ fuq bastiment li jivvjaġġa minn pajjiż għal ieħor.

h) Spejjeż li tagħmel wara deċiżjoni **tiegħek** li ma tiġix lura Malta wara d-data meta, fil-fehma **tagħna**, kien ikun sikur li **int** tagħmel dan.

i) Kull klejm li tirriżulta minn mard li **int** ma ħadtx it-tiqib irrikkmandat u/jew ma ħadtx il-medikament irrikkmandat kontrih.

j) Kull klejm li tirriżulta minn suwiċidju, attentat ta' suwiċidju, leżjoni intenzjonata fuqek innifsek u espożizzjoni deliberata għall-periklu min-naħa **tiegħek** sakemm din ma ssirx f'tentattiv biex issalva ħajjet xi ħadd.

k) Kull klejm li tirriżulta milli **int** tkun taħt l-influwenza tal-alkoħol, solventi jew drogi (minbarra drogi preskritti minn tabib iekk mhux għal kura mill-abbuż tad-droga).

l) Kull ħaġa li qiegħda fl-Eċċezzjonijiet Ġenerali.

## LIMITU TAL-KOPERTURA

L-aktar li **aħna** nħallsu taħt din it-Taqsima għal kull **persuna assigurata** hu l-ammont muri fl-**Iskeda**.

## TAQSIMA 3 - BENEFIĊĊJU TA' SPTAR

Jekk **int** qed tikkljemja spejjeż mediċi li huma koperti taħt Taqsima 2 **aħna** nħallsu wkoll **lilek** l-ammont muri fl-**Iskeda** għal kull 24 siegħa li **int** tkun qed tiġi kkurat bħala *in-patient* fi sptar barra minn **Malta** għal spejjeż inċidentali li **int** ikollok tħallas bħalma huma telefonati.

**Aħna** ma nkoprux:

L-eċċezzjonijiet imniżżlin taħt Taqsima 2 hawn fuq.

## LIMITU TAL-KOPERTURA

L-aktar li **aħna** nħallsu taħt din it-Taqsima għal kull **persuna assigurata** hu l-ammont muri fl-**Iskeda**.

# TAQSIMA 4 - RESPONSABBILITÀ TIEGĦEK LEJN OĦRAJN

**Aħna** nkopru lilek kontra:

Responsabbiltà legali għal ħsarat, spejjeż ta' min jikklejmja u spejjeż li jirriżultaw minn aċċident waqt il-**vjaġġ tiegħek** jekk:

i) xi ħadd ikorri, jimrad jew imut aċċidentalment,

jew

ii) propjetà tintilef jew jiġrilha ħsara aċċidentalment.

**Aħna** nħallsu wkoll l-ispejjeż tad-difiża u spejjeż oħra **tiegħek** jekk **aħna** niftiehmu minn qabel fuqhom.

Fil-każ tal-mewt **tiegħek**, **aħna** nkopru wkoll lir-rappreżentanti legali personali **tiegħek** fir-rigward tar-responsabbiltà **tiegħek** koperta minn din il-**polza** sakemm ir-rappreżentanti legali personali **tiegħek** josservaw it-termini ta' din il-**polza** safejn dawn jistgħu japplikaw.

**Aħna** ma nkoprux:

a) Xi multa jew danni eżemplari (li jikkastigaw jew huma maħsuba biex jikkastigaw lill-persuna responsabbli aktar milli jagħtu kumpens) li **int** ikollok tħallas.

b) Kull responsabbiltà li tirriżulta minn:

i) leżjoni jew mard jew mewt ta' xi ħadd waqt li jkun qed jaħdem **miegħek**.

ii) mewt jew leżjoni lil nies li huma membri tal-familja **tiegħek** jew li **joqogħdu miegħek** jew li huma **qraba viċini tiegħek** jew kumpanji tal-ivvjaġġar **tiegħek**.

iii) telf jew ħsara lil propjetà **tiegħek** jew li qiegħda fil-kura **tiegħek**.

iv) telf jew ħsara lil propjetà li hija ta' membri tal-familja **tiegħek** jew li joqogħdu **miegħek** jew li qiegħda fil-kura **tagħhom** jew ta' **qraba viċini tiegħek** jew **kumpanji ta' l-ivvjaġġar tiegħek**.

v) l-adempiment ta' kuntratti jew il-provvista ta' oġġetti jew servizzi jew il-qadi **minnek** ta' xogħol **tiegħek**.

vi) involviment **tiegħek** f'xogħol manwali ta' kull xorta.

vii) il-propjetà jew okkupazzjoni **minnek** ta' xi art jew bini minbarra għall-okkupazzjoni **minnek** ta' akkomodazzjoni temporanja għal vaganzi u f'dan il-każ **aħna** ma nkoprux l-ammont ta' xi klejm muri fl-**Iskeda**.

viii) il-propjetà jew użu **minnek** ta' annimali (minbarra annimali domestiċi), armi tan-nar, kull ajruplan bi x'inhi d-deskrizzjoni inklużi dawk li jtiru mingħajr l-użu ta' enerġija, vetturi motorizzati, dgħajjes jew bastimenti bi x'inhi d-deskrizzjoni minbarra opri tal-baħar misjuqin manwalment, u kull forma oħra ta' tagħmir ta' divertiment motorizzat.

ix) parteċipazzjoni f'**attivitajiet esklużi** sakemm ma jidħrux bħala koperti fl-**Iskeda tal-polza tiegħek**.

c) Kull ħaġa li qiegħda fl-Eċċezzjonijiet Ġenerali.

# LIMITU TAL-KOPERTURA

**Aħna** ma nħallsux b'kollox aktar mill-ammont muri fl-**Iskeda** għal xi aċċident wieħed inklużi l-ispejjeż tad-difiża u spejjeż oħra.

# TAQSIMA 5 - ITTARDJAR TAT-TLUQ

Fil-każ li t-trasport internazzjonali b'ajruplan, bastiment jew ferrovija li **int** tkun ibbukkjajt biex tivvjaġġa bih jittardja milli jitlaq minn **Malta** fil-ħin tat-tluq skedat tal-vjaġġ **tiegħek** 'il barra minn **Malta** jew fl-aħħar parti tal-vjaġġ **tiegħek** lura **Malta**,

**aħna** nħallsu:

1) L-ammont muri fl-**Iskeda** għal kull perjodu ta' 12-il siegħa sħaħ li tulu **int** kellek tittardja.

2) L-ispejjeż ta' vvjaġġar u akkomodazzjoni **tiegħek** li ma użajtx u li **int** tkun ħallast jew ikkuntrattjajt legalment li tħallas iżda ma tistax tieħu lura jekk, wara li **int** kellek tittardja għal aktar minn 24 siegħa l-vjaġġ **tiegħek** 'il barra minn **Malta**, **int** tagħżel li **tabbanduna l-vjaġġ tiegħek**.

3) Il-ħlasijiet mhux użati għall-alloġġ ta' klieb jew qtates li **int** ma tkunx tista' tieħu lura.

**aħna** ma nkoprux:

a) Kull klejm ikkaġunata minn strajk jew azzjoni industrijali li kienu magħrufin pubblikament meta nxtrat il-**polza tiegħek** jew meta bbukkjajt il-**vjaġġ tiegħek** skont liema sar l-aħħar.

b) Kull klejm magħmula għal ivvjaġġar u akkomodazzjoni rranġati bl-użu ta' Skema ta' Mili ta' l-Ajru jew promozzjonijiet simili.

c) Kull klejm għal rifużjoni ta' kull spiża magħmula minn persuni mhux imsemmijin f'din il-**polza**.

d) Kull klejm għal ħlasijiet ta' maniġment, spejjeż ta' manutenzjoni jew spejjeż ta' kambju assoċjati ma' *timeshares* jew arranġamenti simili.

e) Ittardjar jew abbandun ikkaġunati min-nuqqas **tiegħek** li tirreġistra fil-post tat-tluq **tiegħek** fil-ħin.

f) Kull ħaġa li qiegħda fl-Eċċezzjonijiet Ġenerali.

# KONDIZZJONI SPEĊJALI GĦAL TAQSIMA 5

Il-benefiċċju f'każ ta' ttardjar taħt il-paragrafu 1) jinħadem billi tittieħed id-differenza bejn il-ħin attwali tat-tluq u l-ħin tat-tluq skedat. **Int** għandek tirreġistra fil-ħin speċifikat u tingħata konferma bil-miktub mil-linja tal-ajru jew mill-aġenti li jinmaniġġjaw il-valiġġi f'isimhom tad-data attwali u l-ħin tat-tluq flimkien mar-raġuni tal-ittardjar.

## LIMITU TAL-KOPERTURA

L-aktar li **aħna** nħallsu taħt din it-Taqsima għal kull **persuna assigurata** hu l-ogħla ammont muri fl-**Iskeda**.

## TAQSIMA 6 - TELF TA' TRASPORT INTERNAZZJONALI

Jekk, b'riżultat dirett ta':

1) interruzzjoni tas-servizzi tat-trasport pubbliku skedati, ikkaġunata minn tilwimiet tax-xogħol, storbji ċivili, ħsara mekkanika jew maltemp,

jew

2) il-vettura li **int** tkun qed tivvjaġġa fiha tkun involuta f'aċċident jew waqfien minħabba ħsarat, **int** tasal fil-post finali tat-tluq internazzjonali tard wisq biex tirkeb it-trasport internazzjonali b'ajruplan, bastiment jew ferrovija li **int** tkun ibbukkjajt biex tivvjaġġa bih għall-vjaġġ **tiegħek** 'il barra minn **Malta** jew fl-aħħar parti tal-vjaġġ **tiegħek** lura **Malta**,

**aħna** nkopru **lilek** għal:

l-ispejjeż żejda raġonevoli ta' akkomodazzjoni u vvjaġġar biex **int** tkun tista' tasal fid-destinazzjoni **tiegħek**.

**aħna** ma nkoprux:

a) ebda klejm meta l-linja tal-ajru tkun offriet trasport alternattiv raġonevoli.

b) kull ħaġa li qiegħda fl-Eċċezzjonijiet Ġenerali.

## KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAL TAQSIMA 6

i) **Int** għandek tagħmel kulma **int** tista' biex tasal fil-post tat-tluq internazzjonali fil-ħin.

ii) Fil-każ ta' tilwima industrijali **int** tkun kopert biss jekk it-tilwima titħabbar u tibda tul il-**perjodu ta' assigurazzjoni**.

iii) Jekk **int** tkun qed tikklejmja għaliex il-vettura li fiha **int** tkun tivvjaġġa kienet involuta f'aċċident jew għaliex waqfet minħabba ħsara, **int** għandek tibagħtilna rapport ta' min isewwiha jew rapport tal-pulizija fuq l-aċċident biex tissostanzja l-klejm **tiegħek**.

## LIMITU TAL-KOPERTURA

L-aktar li **aħna** nħallsu taħt din it-Taqsima għal kull **persuna assigurata** hu l-ammont muri fl-**Iskeda**.

# TAQSIMA 7 - AĊĊIDENT PERSONALI

**Aħna** nkopru **lilek** għal:

**Leżjoni personali aċċidentali** tul il-**vjaġġ tiegħek** li tirriżulta direttament:

a) fil-mewt **tiegħek**,

b) f'**telf tiegħek** ta' id kollha, driegħ kollu, sieq kollha jew riġel kollu **tiegħek** jew il-qtugħ tagħhom mill-polz jew l-għaksa 'l fuq jew f'**telf** totali ta' vista f'għajn waħda jew fit-tnejn.

c) **Diżabilità totali permanenti tiegħek** wara 104 ġimgħat (minbarra meta jitħallas kumpens taħt (b) hawn fuq).

**Aħna** ma nkoprux:

a) Kull klejm għal mard ta' kull xorta, xokk nervuż jew kondizzjoni li tokkorri b'mod naturali jew proċess deġenerattiv.

b) Kull klejm li tirriżulta minn:

i) sehem li **int** tieħu f'xi attivitajiet ta' titjir jew aerji oħra ta' kull xorta minbarra bħala passiġġier li jħallas nol f'ajruplan li għandu liċenzja sħiħa biex iġorr passiġġier.

ii) irkib fuq mutur li **int** tagħmel bħala rikkieb jew passiġġier fuq magna ta' 'l fuq minn 125cc.

iii) irkib fuq mutur li **int** tagħmel bħala rikkieb jew passiġġier fuq magna 125cc jew inqas sakemm **int** ma tkunx liebes *crash helmet* u, bħala rikkieb, **int** għandek liċenzja valida biex issuq mutur fil-pajjiż li jkun qed jintuża.

iv) kull involviment **tiegħek** f'xogħol manwali ta' kull xorta.

v) parteċipazzjoni **tiegħek** f'**attivitajiet esklużi** sakemm ma jidħrux bħala koperti fl-**Iskeda** tal-**polza tiegħek**.

vi) parteċipazzjoni fi spedizzjonijiet.

vii) parteċipazzjoni **tiegħek** bħala membru ta' l-ekwipaġġ fuq bastiment li jivvjaġġa minn pajjiż għal ieħor.

viii) suwiċidju, attentat ta' suwiċidju, leżjoni intenzjonata **tiegħek** innifsek jew espożizzjoni deliberata għal periklu sakemm m'hux f'tentattiv biex issalva l-ħajja ta' xi ħadd.

ix) jekk **int** tkun taħt l-influwenza tal-alkoħol, solventi jew drogi (minbarra drogi preskritti minn tabib iżda mhux għall-kura mill-abbuż tat-droga).

c) Kull klejm għal għajbien għaliex il-ġisem **tiegħek** ma nstabx fi żmien sena mill-għajbien sakemm

i) **aħna** ma nkunux sodisfatti li **int** kont sofrejt **leżjoni personali** li rriżultat fil-mewt **tiegħek** u

ii) il-persuna li lilha jsir il-ħlas taqbel bil-miktub li trodd lura lilna l-ammont imħallas jekk jinstab li **int** ħaj.

d) Kull ħaġa li qiegħda fl-Eċċezzjonijiet Ġenerali.

# KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAL TAQSIMA 7

i) Il-mewt jew diżabilità jridu jiġru fi żmien sena mill-aċċident.
ii) **Int** tista' tikklejmja biss taħt oġġett wieħed ta' din it-Taqsima.
iii) Il-benefiċċji jitħallsu **lilek** jew lir-rappreżentant legali **tiegħek.**

# LIMITU TAL-KOPERTURA

L-aktar li **aħna** nħallsu taħt din it-Taqsima għal kull **persuna assigurata** hu l-ammont muri fl-**Iskeda**.

# TAQSIMA 8 - OĠĠETTI PERSONALI

**Aħna** nkopru lilek:
Jekk waqt il-**vjaġġ tiegħek int** aċċidentalment titlef l-**oġġetti personali tiegħek** jew jekk jinsterqu jew issirilhom ħsara aċċidentalment wara tnaqqis għal xedd u kedd u deprezzament meta applikabbli.

**Aħna** ma nkoprux:
a) L-ewwel ammont muri fl-**Iskeda** ta' kull klejm ta' **persuna assigurata**. Iżda l-aktar li **int** ikollok tħallas jekk żewġ **persuni assigurati** jew aktar jagħmlu klejm li tirriżulta mill-istess okkorrenza hu l-ammont muri fl-**Iskeda**.
b) Telf, ħsara jew serq ta' **oġġetti personali** li **int** tħalli **waħedhom** sakemm ma jkunx hemm evidenza ta' dħul bi żgass, f'kamra maqfula, ġo sejf, fil-buta msakkra ta' vettura msakkra.
c) Ħsara lil valiġġi sakemm ma jistax isir użu aktar minnhom.
d) Oġġetti tad-dar jew kull ħaġa mibgħuta bħala merkanzija jew li jkollha polza ta' kargu.
e) Tixqiq, brix jew ksur ta' ħġieġ (minbarra lentijiet f'kameras, kannokkjali, teleskopji jew nuċċalijiet), oġġetti tal-kina jew oġġetti fraġli simili u kull xorta ta' telf ieħor ikkaġunat minn ksur.
f) Telf, ħsara jew serq ta' lentijiet ta' kuntatt jew tal-kornea, *fittings* dentali jew mediċi inklużi idejn jew saqajn artifiċjali.
g) Telf, ħsara jew serq ta' roti.
h) Telf, ħsara jew serq ta' kompjuters laptop.
i) Telf ta' valur, ħsara kkaġunata minn insetti bħal friefet u annimali bħal grieden, kondizzjonijiet atmosferiċi, ħsarat mekkaniċi jew kull proċess ta' tindif, tiswija jew restawr.
j) Kull telf jew serq li **int** ma tirrappurtax lill-pulizija u ġġib rapport bil-miktub mingħandhom fi żmien 24 siegħa mis-sejba tat-telfa jew serqa. Meta ma jkunx possibbli li ġġib rapport tal-pulizija, **int** għandek tipprovdi prova

indipendenti oħra tat-telfa **tiegħek** bħal ittra mill-kumpanija tat-trasport jew mil-lukanda **tiegħek**.

k) Telf jew serq jew ħsara lil **oġġetti prezzjużi** li **int** ma tkunx qed iġġorr **miegħek** sakemm **int** tkun żammejthom f'sejf jew kaxxa depożitarja sikura jew f'akkomodazzjoni llokkjata.

l) Bonds, titoli ta' sigurtà jew dokumenti ta' kull xorta.

m) Tagħmir ta' sports tax-xitwa.

n) Tagħmir sportiv li tiġrilu ħsara jew jinkiser waqt li qed jintuża.

o) Kull oġġett li r-rilaxx tiegħu ikun ittardjat, jinżamm jew ikun ikkonfiskat mid-dwana jew uffiċjali oħra.

p) Oġġett użati f'konnessjoni mal-impjieg **tiegħek**.

q) Films, kasets, *cartridges* jew diski ħlief għall-valur tagħhom bħala materjal mhux użat sakemm ma jkunux inxtraw diġà rrekordjati u f'dan il-każ **aħna** nħallsu sal-prezz kif jidher fil-lista ta' bejgħ bl-imnut.

r) Oġġetti li jmorru malajr, fliexken, kraten jew kull telf ieħor ikkaġunat mill-ksur tagħhom.

s) Ħsara lil strumenti mużikali li ma jitħallewx f'kaxxi ta' materjal iebes imsakkrin.

t) Kull ħaġa li qiegħda fl-Eċċezzjonijiet Ġenerali.

## KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAL TAQSIMA 8

i) **Int** għandek tara li żżomm sikuri b'mod raġonevoli l-**oġġetti personali tiegħek**.

ii) Jekk l-**oġġetti personali tiegħek** jintilfu jew issirilhom ħsara minn xi awtorità, kumpanija tal-ġarr jew lukanda, **int** għandek tagħmel rapport dettaljat bil-miktub tat-telf jew ħsara li saritilhom u ġġib il-konferma tagħhom bil-miktub.

iii) Fil-każ li l-**oġġetti personali tiegħek** jintilfu jew issirilhom ħsara minn linja tal-ajru, **int** għandek iġġib rapport ta' propjetà, tagħti avviż bil-miktub u żżomm kopja tal-klejm lil-linja tal-ajru fil-limitu ta' żmien speċifikat fil-kondizzjonijiet tal-ġarr iżda f'kull każ fi żmien 3 ijiem u żżomm il-biljetti ta' l-ivvjaġġar u t-tikketti kollha jekk **int** tikklejmja taħt din il-**polza**.

iv) Fil-każ li l-**oġġetti personali tiegħek** jintilfu jew jinsterqu, **int** għandek tieħu l-passi kollha raġonevoli biex issibhom.

v) Int għandek tkun tista' tipprova li **int** kont responsabbli għall-oġġetti mitlufin, misruqin jew li saritilhom ħsara u kemm jiswew. Jekk **int** ma tistax tagħmel dan, dan jista' jolqot il-klejm **tiegħek**.

vi) **Aħna** nissetiljaw kull klejm skond l-għażla tagħna billi nħallsu jew nissostitwixxu. **Aħna** nissetiljaw klejms għal **oġġetti personali** skond il-bażi tal-valur tagħhom fil-ħin li ntilfu jew saritilhom ħsara. **Aħna** ma nħallsux il-prezz biex nissostitwuhom b'oġġetti ġodda u **aħna** ma nħallsux aktar mill-prezz tax-xiri oriġinali ta' oġġett mitluf jew li saritlu ħsara.

vii) Fil-każ li **int** tagħmel ukoll klejm taħt Taqsima 9, Vjaġġi Ttardjati, dan l-ammont jitnaqqas mill-ammont ikklejmjat taħt din it-Taqsima.

## LIMITU TAL-KOPERTURA

L-aktar li **aħna** nħallsu taħt din it-Taqsima għal kull **persuna assigurata** hu l-ammont muri fl-**Iskeda** għall-**Oġġetti Personali**, skont il-limiti ta' kull Artiklu jew Par u **Oġġetti ta' Valur**.

## TAQSIMA 9 - VALIĠĠI TTARDJATI

**Aħna** nħallsu **lilek**:
biex tixtri oġġetti essenzjali jekk il-valiġġi **tiegħek** jintilfu temporanjament fil-vjaġġ 'il barra mill-pajjiż u **int** tibqa' mingħajrhom għal aktar minn 12-il siegħa.

**Aħna** ma nħallsux:
i) Kull klejm għal valiġġi ttardjati, miżmumin jew ikkonfiskati mid-dwana jew minn uffiċjali oħra.
ii) Kull ħaġa li qiegħda fl-Eċċezzjonijiet Ġenerali.

## KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAL TAQSIMA 9

a) Biex tikkljemja taħt din it-Taqsima, **int** għandek iżżomm riċevuta ta' kull ma **int** tixtri u ġġib konferma bil-miktub mil-linja tal-ajru tan-numru ta' sigħat li **int** għamilt mingħajr il-valiġġi **tiegħek**.
b) Kull ammont li jitħallas taħt din it-Taqsima jitnaqqas mill-ammont li jitħallas taħt Taqsima 8 fil-każ li l-valiġġi **tiegħek** jintilfu b'mod permanenti.

## LIMITU TAL-KOPERTURA

L-aktar li **aħna** nħallsu taħt din it-Taqsima għal kull **persuna assigurata** hu l-ammont muri fl-**Iskeda**.

## TAQSIMA 10 - TELF TA' PASSAPORT

**Aħna** nkopru lilek:
Jekk il-passaport jew il-visa **tiegħek** jintilfu jew jinsterqu waqt li **int** tkun barra minn **Malta**, għal ivvjaġġar, akkomodazzjoni u spejjeż żejda ta' komunikazzjoni neċessarji u raġonevoli li **int** ikollok tħallas biex iġġib passaport jew visa temporanji u l-prezz attwali tad-dokumenti temporanji.

**Aħna** ma nħallsux:
a) Telf jew serq tal-passaport jew visa **tiegħek** li **int** ma tirrappurtax lill-pulizija u ġġib rapport bil-miktub mingħandhom fi żmien 24 siegħa minn meta tinduna.
b) Telf jew serq tal-passaport jew visa **tiegħek** waqt li jitħallew **waħedhom**.
c) Kull ħaġa li qiegħda fl-Eċċezzjonijiet Ġenerali.

# KONDIZZJONI SPEĊJALI GĦAL TAQSIMA 10

**Int** għandek dejjem tieħu ħsieb raġonevoli li żżomm il-passaport u l-visa **tiegħek** fis-sikur. Jekk il-passaport u l-visa **tiegħek** jintilfu jew jinsterqu, **int** għandek tieħu l-passi raġonevoli kollha biex terġa' ssibhom.

# LIMITU TAL-KOPERTURA

L-aktar li **aħna** nħallsu taħt din it-Taqsima għal kull **persuna assigurata** hu l-ammont muri fl-**Iskeda**.

# TAQSIMA 11 - FLUS PERSONALI

**Aħna** nħallsu lilek:
Jekk il-**flus personali tiegħek** jintilfu jew jinsterqu waqt il-**vjaġġ tiegħek**.

**Aħna** ma nħallsux għal:
a) L-ewwel ammont muri fl-**Iskeda** ta' kull klejm ta' **persuna assigurata**. Iżda l-aktar li **int** ikollok tħallas jekk żewġ **persuni assigurati** jew aktar jagħmlu klejm li tirriżulta mill-istess okkorrenza hu l-ammont muri fl-**Iskeda**.
b) Kull telf jew serq li **int** ma tirrappurtax lill-pulizija u ġġib rapport bil-miktub mingħandhom fi żmien 24 siegħa minn meta tinduna.
c) Kull **flus personali** li jkunu ttradjati, miżmumin jew ikkonfiskati mid-dwana jew minn uffiċjali oħra.
d) Bonds, titoli ta' sigurtà jew dokumenti ta' kull xorta.
e) Telf jew serq ta' **flus personali** li ma jkunux fil-valiġġa **tiegħek** li ġġorr f'idek waqt li **int** tkun qed tivvjaġġa.
f) Telf jew serq ta' **flus personali** waqt li jitħallew **waħedhom**.
g) Nuqqasijiet ta' flus minħabba żbalji, jew telf minħabba bdil fir-rati tal-kambju.
h) Telf jew serq ta' ċekkijiet tal-vjaġġaturi jekk **int** ma kkonformajtx mal-kondizzjonijiet ta' min ħariġhom jew meta min ħariġhom jipprovdi servizz ta' rimpjazzament.
i) Kull ħaġa li qiegħda fl-Eċċezzjonijiet Ġenerali.

# KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAL TAQSIMA 11

i) **Int** għandek dejjem tieħu ħsieb raġonevoli li żżomm il-**flus personali tiegħek** fis-sikur. Fil-każ li l-**flus personali tiegħek** jintilfu jew jinsterqu, **int** għandek tieħu l-passi raġonevoli kollha biex terġa' ssibhom.
ii) **Int** għandek tkun tista' tipprova li l-**flus personali** mitlufin jew misruqin huma **tiegħek** u kemm jiswew. Jekk **int** m'intix kapaċi tagħmel dan, dan jista' jolqot il-klejm **tiegħek**.

# LIMITU TAL-KOPERTURA

L-aktar li **aħna** nħallsu taħt din it-Taqsima għal kull **persuna assigurata** hu l-ammont muri fl-**Iskeda**.

# TAQSIMA 12 - ĦTIF TA' MEZZI TAT-TRASPORT

**Aħna** nkopru lilek:
Għall-ammont muri fl-**Iskeda** għal kull perjodu ta' 24 siegħa sħaħ li tulhom tkun miżmum fil-każ ta' ħtif tal-mezz tat-trasport li **int** tkun qed tivvjaġġa fuqu.

**Aħna** ma nkoprux:
Fil-każ ta' klejms li ma jkunux sostanzjati minn rapport mill-awtoritajiet involuti li juri d-dettalji kollha tal-aċċident.

# EĊĊEZZJONIJIET ĠENERALI

**Dawn l-Eċċezzjonijiet Ġenerali Japplikaw għat-Taqsimiet Kollha tal-Polza**

## 1 Kontaminazzjoni Radjuattiva u Tifqigħat Soniċi

**Aħna** ma nħallsux telf ħsara responsabbiltà jew spejjeż li direttament jew indirettament huma kkaġunati minn jew li għalihom jikkontribwixxu jew li jirriżultaw minn:

a) radjazzjonijiet jonizzanti minn jew kontaminazzjoni b'radjuattività minn fjuwil nukleari jew minn skart nukleari jew minn kombustjoni ta' fjuwil nukleari. Telf jew ħsara jew responsabbiltà kkaġunati minn sustanzi kimiċi u bijoloġiċi li mhumiex użati għall-finijiet ta' paċi huma wkoll esklużi;
b) propjetajiet radjuattivi, tossiċi, splussiv jew perikolużi jew kontaminanti oħra ta' xi stallazzjoni nukleari, reattur jew muntatura nukleari oħra jew komponent nukleari tagħha;
c) xi arma tal-gwerra li tuża fissjoni u/jew fużjoni atomika jew nukleari jew xi reazzjoni jew forza jew materja radjuattiva li tixbaħha;
d) mwieġ ta' pressjoni minn ajruplani jew apparati tal-ajra oħrajn li jimxu b'veloċità sonika jew supersonika.

## 2 Riskji minn Enerġija Nukleari

**Aħna** ma nħallsux telf ħsara responsabbiltà jew spejjeż li direttament jew indirettament huma kkaġunati minn jew li għalihom jikkontribwixxu jew li jirriżultaw minn Riskji konnessi ma' Enerġija Nukleari.

Għall-finijiet kollha ta' din il-**polza** Riskji konnessi ma' Enerġija Nukleari għandha tfisser:

i) Kull propjetà fis-sit ta' stazzjon ta' enerġija nukleari, Reatturi Nukleari, binjiet u impjanti u tagħmir ta' reatturi li jkunu f'xi sit minbarra stazzjon ta' enerġija nukleari.
ii) Kull propjetà fi kwalunkwe sit (inklużi iżda mhux limitati għal siti msemmija f'i) hawn fuq, użata jew li kienet użata għall-:
   a) Ġenerazzjoni ta' enerġija nukleari; jew
   b) Produzzjoni, Użu jew ħażna ta' Materjal Nukleari.
iii) Kull propjetà oħra li tista' tkun assigurata mill-Grupp u/jew Assoċjazzjoni ta' Assigurazzjoni Nukleari iżda limitata biss għar-rekwiżiti tal-Grupp u/jew Assoċjazzjoni lokali.
iv) Il-fornitura ta' oġġetti u servizzi lil kull xorta ta' sit, deskritti f'i) sa iii) hawn fuq, sakemm dawn l-assigurazzjonijiet jew riassigurazzjonijiet jeskludu l-perikli ta' irradjazzjoni u kontaminazzjoni minn Materjal Nukleari.

**Definizzjonijiet**

"Materjal Nukleari" tfisser:

i) Ebda fjuwil nadif, minbarra uranju naturali jew uranju mdgħajjef, li jista' jipproduċi enerġija bi proċess ta' fissjoni konkatenat li jsostni lilu nnifsu u li jkun barra minn Reattur Nukleari, jew għalih waħdu jew f'kombinazzjoni ma' xi materjal ieħor; u

ii) Prodotti jew Skart Radjuattivi.

"Prodotti jew Skart Radjuattivi" tfisser kull materjal radjuattiv prodott, jew kull materjal magħmul radjuattiv permezz ta' espożizzjoni għar-radjazzjoni, fil-produzzjoni jew utilizzazzjoni ta' fjuwil nukleari, iżda ma jinkludix radjuisotopi li jkunu laħqu l-istadju finali ta' fabrikazzjoni biex ikunu jistgħu jintużaw għal xi skop xjentifiku, mediku, agrikolu jew industrijali.

"Stallazzjoni Nukleari" tfisser:
i) Kull Reattur Nukleari;
ii) Kull fabrika li tuża fjuwil nukleari għall-produzzjoni ta' Materjal Nukleari, kull fabrika għall-ipproċessar ta' Materjal Nukleari, inkluża kull fabrika għar-riproċessar ta' fjuwil nukleari rradjat; u
iii) Kull faċilità fejn jinħażen Materjal Nukleari, minbarra ħżin inċidentali għall-ġarr ta' materjal ta' din ix-xorta.

"Reattur Nukleari" tfisser kull struttura li jkun fiha fjuwil nukleari rrangat b'mod li proċess ta' fissjoni konkatenat li jsostni lilu nnifsu jista' jiġri fih mingħajr is-sors addizzjonali ta' newtroni.

"Produzzjoni, Użu jew Ħżin ta' Materjal Nukleari" tfisser il-produzzjoni, manifattura, arrikkiment, kondizzjonar, ipproċessar, riproċessar, użu, ħżin, immaniġġjar u rimi ta' Materjal Nukleari.

"Propjetà" għandha tfisser kull art, bini, struttura, impjant, tagħmir, vettura, kontenut (inklużi likwidi u gassijiet, iżda mhux b'mod limitat għalihom biss) u kull materjal kemm fiss kemm mhux ta' kull xorta ta' deskrizzjoni.

"Zona jew Spazju ta' Radjuattività Għolja" tfisser:
i) Fil-każ ta' stazzjonijiet ta' enerġija nukleari u Reatturi Nukleari, il-kontenitur jew struttura li attwalment ikun fiha l-qalba (inklużi l-appoġġi u għata tagħha) u l-kontenut kollu tagħha, l-elementi ta' fjuwil, l-iżbarri tal-kontroll u l-maħżen tal-fjuwil irradjat, u
ii) Fil-każ ta' stallazzjonijiet Nukleari non-reatturi, kull spazju fejn il-livell ta' radjuattività jitlob li jkun hemm tarka bijoloġika.

### 3. Gwerra

**Aħna** ma nħallsux telf ħsara nefqa jew spejjeż ta' kull xorta li direttament jew indirettament huma kkaġunati minn jew li jirriżultaw minn jew f'konnessjoni ma' xi waħda minn dawn li ġejjin:
a) gwerra, invażjoni, att ta' għadu barrani, ostilitajiet jew operazzjonijiet li jixbhu gwerra (kemm jekk tkun iddikjarata gwerra kemm jekk le),
b) gwerra ċivili, rewwixta militari, insurrezzjoni, kommozzjoni ċivili li tieħu l-proporzjonijiet jew li tammonta għal rewwixta, ribelljoni, rivoluzzjoni, setgħa militari jew użurpata, liġi marzjali jew kull xorta ta' sakkeġġ f'konnessjoni magħhom,
c) konfiska jew nazzjonalizzazzjoni jew rekwiżizzjoni jew distruzzjoni jew ħsara lil propjetà mill-gvern jew minn awtorità pubblika jew b'ordni tagħhom jew minn xi att jew kondizzjoni inċidentali għal xi waħda minn dawn imsemmija hawn fuq.
Jekk **aħna** nallegaw li, bis-saħħa ta' din l-esklużjoni, kull telf ħsara nefqa jew spejjeż mhumiex koperti minn din l-assigurazzjoni, il-piż ta' prova kuntrarja għandu jaqa' **fuqek**.

## 4 Tinġis jew Kontaminazzjoni

**Aħna** ma nħallsux għal kull xorta ta' telf, ħsara, responsabbiltà legali u spejjeż ta' kull xorta kkaġunati direttament jew indirettament minn tinġis jew kontaminazzjon li:

i) huma kkaġunati intenzjonalment, jew
ii) kienu jew li setgħu kienu mistennija, jew
iii) minn okkorrenza ta' f'daqqa, jew
iv) ma ġewx ikkaġunati tul xi perjodu ta' assigurazzjoni.

## 5. Ħsara Eżistenti

**Aħna** ma nħallsux għal xi telf jew ħsara li jokkorru jew jirriżultaw minn okkorrenza li tiġri qabel ma' din l-assigurazzjoni tidħol fis-seħħ.

## 6 Virusis tal-Kompjuter u Bidla ta' Data

Din l-assigurazzjoni ma tkoprix:

i) telf jew qerda jew ħsara lil xi propjetà jew xi telf jew nefqa li tirriżulta minn din il-ħsara jew toħroġ minnha jew xi telf konsegwenzjali mġarrab **minnek**,
ii) xi responsabbiltà legali ta' kull xorta,
iii) xi mewt, leżjoni personali jew mard,

ikkaġunati direttament jew indirettament minn, ikkontribwiti minn, jew li jikkonsistu fi, jew li jirriżultaw mill-ħsara jew nuqqas ta' abilità ta'

a) kompjuter jew tagħmir awżiljari,
b) softwer tas-sistema tal-kompjuter, programm jew *spreadsheet*,
c) tagħmir għall-ipproċessar tad-data, tagħmir tal-midja jew awżiljari,
d) mikroċippa, ċirkuwitu integrat jew apparat simili,
e) tagħmir jew sistemi ta' telekomunikazzjoni,
f) kull sistema oħra għal ipproċessar, ħżin, trażmissjoni, żamma jew bgħit lura ta' data,

kemm jekk hi propjetà **tiegħek** kemm jekk le u li ssir qabel, tul jew wara s-sena 2000 biex

i) jagħrfu b'mod korrett xi data bħala d-data kalendarja vera tagħhom jew il-valur veru tagħhom,
ii) taqbad, issalva jew iżżomm u/jew timmanipula, tinterpreta, tittrażmetti, tibgħat lura jew tipproċessa b'mod korrett xi data jew informazzjoni jew kmand jew struzzjoni b'riżultat tat-trattament ta' xi data li mhix id-data kalendarju vera tagħhom jew il-valur veru tagħhom,
iii) taqbad, issalva, iżżomm jew tipproċessa b'mod korrett xi data b'riżultat tal-operazzjoni ta' xi kmand jew loġika li kienet ipprogrammata jew inkorporata f'xi ħaġa msemmija f'(a) sa (f) hawn fuq li tkun kmand jew loġika li jikkaġunaw it-telf ta' data jew in-nuqqas ta' abilità li taqbad, issalva, iżżomm jew tipproċessa b'mod korrett tali data f'xi data jew warajha.

# KONDIZZJONIJIET ĠENERALI

**Dawn il-Kondizzjonijiet Ġenerali Japplikaw għat-Taqsimiet Kollha tal-Polza**

**1 Estensjoni Awtomatika**

Jekk qabel jiskadi l-perjodu ta' assigurazzjoni **int** ma tithalliex, minħabba leżjoni personali jew mard **tiegħek**, tagħmel il-**vjaġġ** lura maħsub **tiegħek**, it-tul ta' din il-**polza** jittawwal awtomatikament sa 30 ġurnata bla ħlas ta' primjum addizzjonali. F'dan il-każ **aħna** nkomplu nħallsu kura medika taħt Taqsima 2 suġġett għal ammont massimu muri fit-tabella ta' Kumpens għall-**Pjan** li **int** tkun għażilt kif speċifikat fl-**Iskeda**, għal dan il-perjodu jew għal dik l-estensjoni ta' dan il-perjodu kif ċertifikat mit-tabib bħala neċessarju.

**2 Tip ta' Vjaġġar**

Din il-**Polza** tapplika biss għal persuni residenti fil-Gżejjer **Maltin** li jkunu qed jieħdu vaganza konvenzjonali mhux għal xogħol, jew vjaġġi għal negozju li fihom ma jsirx xogħol manwali. **Int** għandek tavżana jekk **int** bi ħsiebek tinkludi vaganza sportiva ppjanata tul il-**vjaġġ tiegħek**.

**3 Ġenerali**

a) **Aħna** nagħtu kopertura taħt din il-**Polza** biss jekk l-informazzjoni materjali li **int** tajt **lilna** meta applikajt għal assigurazzjoni jew meta tagħmel klejm, jew billi titkellem magħna jew f'xi dokument, hija vera safejn taf **int**.
b) Biex tkun kopert minn din l-assigurazzjoni, **int** għandek tosserva t-termini, kondizzjonijiet u ***endorsements*** ta' din il-**Polza**.

**4 Dmir Tiegħek li ma Tħallix Isiru Telf jew Ħsara**

**Int** għandek tagħmel dak kollu li **int** tista' raġonevolment tagħmel biex ma tħallix isiru telf jew ħsara lil propjetà li hija assigurata taħt din il-**Polza**.

**5 Proċedura f'Każ ta' Klejms**

Malli **int** issir taf b'okkorrenza jew kawża li jistgħu jwasslu għal klejm taħt din il-**Polza**, **int** jew ir-rappreżentanti legali **tiegħek** għandkom:
a) tinfurmaw **lilna** immedjatament u tagħtuna a spejjeż **tiegħek** l-informazzjoni u l-għajnuna kollha li **aħna** neħtieġu,
b) tinfurmaw lill-pulizija immedjatament dwar il-propjetà li ntilfet, insterqet jew saritilha ħsara malizzjożament,
c) tagħmlu dak li **intom** raġonevolment tistgħu biex issibu xi propjetà mitlufa jew misruqa,
d) tinfurmaw immedjatament lill-awtorità li tkun ħarġithom **b'kards ta' kreditu jew debitu** mitlufin jew misruqin,
e) tgħaddu **lilna** immedjatament u bla mwiegħba kull ċitazzjoni ta' kull xorta jew xi dokumenti legali oħrajn li jintbagħtu **lilkom** jew lil xi **persuna assigurata** f'konnessjoni ma' xi klejm għal responsabbiltà legali li tirriżulta minn leżjoni jew ħsara,
f) ma tiddiskutux, ma tammettux, ma tiċħdux u ma tinnegozjawx ma' xi ħaddieħor fuq xi klejm mingħajr il-permess bil-miktub **tagħna**.

**6 Frodi**

Meta tinqabad frodi (inkluża esaġerazzjoni), ma jitħallsux klejms u **aħna** nistgħu nirreferu l-materja lill-pulizija għal proċeduri kriminali. Il-**polza** jista' jkun li ma ssirx invalida iżda **aħna** nistgħu wkoll nieħdu azzjoni oħra konsistenti mad-drittijiet legali **tagħna**.

**7 Drittijiet u Responsabbiltajiet**

a) Wara li nkunu ħallasna xi klejm, kull rikavat minn salvataġġ isir propjetà **tagħna**. Iżda **int** m'għandekx tabbanduna propjetà **lilna** imma tisterna l-istruzzjonijiet tagħna kif tiddisponi minnha.
b) **Aħna** nistgħu nieħdu f'idejna u mmexxu fl-isem **tiegħek**, b'kontroll sħiħ u esklussiv, id-difiża jew il-ħlas ta' xi klejm.
c) **Aħna** nistgħu a spejjeż tagħna u għall-benefiċċju **tagħna** stess nibdew proċeduri legali fl-isem **tiegħek** biex nirkupraw kumpens minn oħrajn fir-rigward ta' kull ammont imħallas jew li jista' jitħallas taħt din il-**polza**.
d) Fil-każ ta' klejm jew sensiela ta' klejms li jirriżultaw minn okkorrenza waħda li jinvolvu responsabbiltà legali koperta minn din il-**polza**, **aħna** nistgħu jew inħallsu sal-limitu muri fl-**Iskeda** wara li jitnaqqsu ammonti mħallsin qabel jew xi ammont inqas li **aħna** bih nistgħu nissetiljaw il-klejm **tiegħek**. Darba li **aħna** nkunu ħallasna, **aħna** ma jkollna ebda responsabbiltà ulterjuri fir-rigward tal-klejm **tiegħek**.

**8 Kontribuzzjoni ta' Assigurazzjonijiet Oħrajn**

Jekk xi telf, ħsara jew responsabbiltà li **int** qed tikklejmja għalihom taħt din il-**Polza** huma koperti minn xi assigurazzjoni oħra, **aħna** nħallsu biss is-sehem proporzjonali **tagħna** ta' dik il-klejm.

**9 Arbitraġġ**

a) Jekk **aħna** ma naqblux fuq l-ammont li għandu jitħallas taħt din il-**Polza** (wara li tkun diġà ġiet ammessa r-responsabbiltà), **int** u **aħna** għandna d-dritt li nirreferu għal arbitraġġ. **Aħna** niktbulek biex ngħarrfuk b'din l-għażla u mbagħad **int** trid tiktbilna u tgħid **lilna** jekk **int** tridx tipproċedi. Jinħatar arbitru skont id-dispożizzjonijiet statutorji fis-seħħ f'dak il-mument jew kif ikunu emendati jew sostitwiti minn żmien għal żmien. Il-qsim bejnietna tal-ispejjeż kollha tal-arbitraġġ ikun stabbilit mill-arbitru. L-għoti ta' deċiżjoni huwa kondizzjoni preċedenti għal kull dritt ta' azzjoni kontra **tagħna**.
b) L-użu tal-proċedura ta' arbitraġġ ma jimpedixxix **lilek** milli tappella kontra d-deċiżjoni ta' l-arbitru f'qorti.

**10 Klawsola ta' Ġuriżdizzjoni Maltija**

Il-kopertura mogħtija minn din il-**Polza** għandha tapplika biss għal sentenzi jew ordinijiet li jingħataw jew jittieħdu minn Qorti fil-Gżejjer **Maltin** jew minn Qorti f'tali stat membru ieħor tal-Unjoni Ewropea li skont ir-Regolamenti tal-Unjoni Ewropea applikabbli jkollu ġuriżdizzjoni biex jisma' l-każ. Din il-kopertura ma tapplikax għal sentenzi jew ordnijiet meħudin fil-Gżejjer **Maltin** għall-infurzar ta' sentenza meħuda fi mkien ieħor (minbarra f'dak it-tali stat membru tal-Unjoni Ewropea ieħor kif intqal hawn fuq) jew għal spejjeż ta' kull xorta ta' litigazzjoni rkuprati minn xi ħadd li jkun qed jikklejmjahom mingħandek għal spejjeż li ma jkunux saru fil-Gżejjer **Maltin** jew f'dak it-tali stat membru ieħor tal-Unjoni Ewropea.

# IL-PROĊEDURA TAGĦNA FIL-KAŻ TA' LMENTI

Il-Middlesea Insurance p.l.c. hi impenjata biex tagħti servizzi ta' kwalità tajba. Aħna nagħrfu, madankollu, li l-klijenti jistgħu ma jkunux sodisfatti mis-servizz mogħti. F'dan il-każ aħna għandna proċedura għal ilmenti. Biex inkunu ċari, ilment hu definit b'mod wiesa' bħala espressjoni bil-miktub ta' nuqqas ta' sodisfazzjon bis-servizzi li aħna nagħtu jew azzjonijiet li nkunu ħadna u li jitolbu reazzjoni. Aħna niddistingwu bejn ilmenti u mistoqsijiet; mistoqsijiet huma nuqqas ta' qbil ma' deċiżjonijiet speċifiċi f'ċirkustanzi speċifiċi.

**Aħna nittrattaw l-ilment tiegħek**

Aħna ma nħarsux lejn l-ilmenti bħala xi ħaġa li m'għandniex bżonnha. Fil-fatt, jistgħu jgħinuna naraw fejn is-servizzi jew proċeduri tagħna jistgħu jittejbu. Għalhekk għarrafna meta tħoss li żbaljajna u għamilna xi ħaġa li tħossha mhux sodisfaċenti. Anke jekk ma taħsibx li xi ħaġa partikolari li tinkwetak hija "ilment", aħna xorta waħda nixtiequ nkunu nafu biha. Int tgħinna nkomplu ntejbu s-servizz tagħna.

**Kif tressaq ilment**

L-1 pass: Kif tikkuntattjana
L-ewwel pass hu li titkellem ma' wieħed mill-impjegati tal-Middlesea Insurance p.l.c. jew mal-Aġenti tagħha jekk il-Polza tiegħek irranġawlek għaliha huma. Dan jista' jsir b'mod informali, jew direttament jew bit-telefon.
Ġeneralment l-impjegat li l-aħjar li tkellem ikun il-persuna li tkun ittrattat il-materja li lilek qed tħassbek, għaliex ikun fl-aħjar pożizzjoni li jgħinek fil-pront u jirranġalek. Jekk ma ssibux, jew jekk tippreferi li tavviċina lil xi ħaddieħor, allura staqsi għall-Maniġer jew għall-persuna ewlenija responsabbli.
Aħna nippruvaw insolvu l-problema immedjatament. Jekk ma nkunux nistgħu nagħmlu dan, allura, ngħidu aħna, nieħdu nota ta' dak li jkun qed iħassbek u nirranġaw l-aħjar mod u ħin biex nerġgħu nkellmuk. Dan normalment isir fi żmien żewġ ġranet tax-xogħol.

It-2 pass: Azzjoni ulterjuri fuq l-ilment tiegħek
Jekk tibqa' mhux sodisfatt, il-pass li jmiss hu li tikteb lill-Uffiċjal għall-Ilmenti tal-Middlesea Insurance p.l.c., u tindirizza l-ittra bid-dettalji kollha lilu filwaqt li tfisser x'taħseb li mar ħażin u x'jidhirlek li jeħtieġ li jsir biex l-affarijiet jitranġaw. Jekk ma tħossokx komdu tikteb ittra, int dejjem tista' titlob lil impjegat tagħna jieħu nota tad-dettalji ta' l-ilment, u mbagħad tintalab tiffirmaha int. Int tingħata kopja biex iżżommha għar-referenza. Dan id-dokument jingħadda mill-ewwel lill-Uffiċjal għall-Ilmenti biex jittrattah hu.
Meta l-Uffiċjal għall-Ilmenti jirċievi lment bil-miktub, hu għandu jieħu passi biex ikun investigat sewwa. Fi żmien ħames ġranet tax-xogħol minn meta jasliIna l-ilment, int tirċievi konferma li wasliIna u l-ittra tgħidlek li għandek tistenna tweġiba sħiħa. Normalment dan isir fi żmien tliet ġimgħat, sakemm il-materja ma tkunx ikkomplikata ħafna, bħal meta jkun hemm il-ħtieġa li nikkuntattjaw organizzazzjonijiet oħra. Meta jiġri dan aħna xorta ninfurmawk x'qed isir u ngħidulek meta nistennew li nagħtuk tweġiba sħiħa.

**Teħid ta' l-ilment tiegħek 'il barra mill-organizzazzjoni**

Jekk tibqa' m'intix sodisfatt bit-tweġiba ta' l-Uffiċjal għall-Ilmenti, int dejjem tista' tfittex parir lilhinn mill-organizzazzjoni tagħna. Int tista' tikkuntattja lill-Uffiċjal għall-Ilmenti ta' l-Awtorità ta' Malta għal Servizzi Finanzjarji.

REF: Travel. COM 27020967




www.middlesea.com

Middlesea Insurance p.l.c. is authorised by the Malta Financial Services Authority to carry on both Long Term and General Business under the Insurance Business Act, 1998.